Quotation documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and available to view and download from this same website.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-15 ta' Marzu, 2024

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Għarb sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' April, 2024, għal:

Avviż Nru. GRB/01/24. Provvisti – provvista, installazzjoni u kkummisjonar ta' 'pre-fabricated, automatic self-cleaning public convenience' fl-Għarb, Għawdex.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-15 ta' Marzu, 2024

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

15th March, 2024

GĦARB LOCAL COUNCIL

The Għarb Local Council notifies that:

Tenders will be received by the Gharb Local Council, till 10.00 a.m. on Friday, 5th April, 2024, for:

Advt No. GRB/01/24. Supplies – supply, installation and commissioning of a pre-fabricated, automatic self-cleaning public convenience in Għarb, Gozo.

Tender documents viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

15th March, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

Lista ta' persuni kkwalifikati biex joqogħdu u li għandhom iservu bħala Ġurati Ordinarji fil-Qorti Kriminali matul ix-xahar ta' Marzu, 2024, skont l-artikolu 606 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9, Ediz. Riv.) u li għandhom jiżdiedu mal-lista li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,205 tat-8 ta' Marzu, 2024.

ĠURATI ORDINARJI
Attard Apap Stephania (Stephania Irene) née Apap, Clerk, Ħal Tarxien
Bahmuller Alison née Cassar, Professional Officer, Ix-Xgħajra
Baldacchino Maria, Sales Person
Borg Antoine, Tradesman, Ħ'Attard
Borg Cardona James, Psychotherapist, l-Imsida
Cassar Karen, I.T. Technician, Il-Ħamrun
Cordina Bugeja Antonella, Pharmacist, L-Imġarr
Debattista Carmelo, Bank Employee, Il-Belt Valletta
Galea Stephen, Director, Il-Mosta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, Il-Belt Valletta, illum it-Tlieta, 12 ta' Marzu, 2024.

(Iff.) FRANKLIN CALLEJA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali

List of persons duly qualified and subject to serve as Jurors in the Criminal Court during the month of March, 2024, in terms of section 606 of the Criminal Code (Cap. 9, Rev. Ed.) and which are to be added to the list pubished in Government Gazette No. 21,205 of 8th March, 2024.

Grixti D'amato Noel, Public Officer, Żebbuġ
Mallia Monique, Engineer, In-Naxxar
Saliba Caroline née Caruana, Bank Employee, Ħaż-Żebbuġ
Scerri Ivan, Bank Supervisor, Santa Venera
Scicluna Alfred-Kenneth, Unemployed
Stivala Michaela, Secretary, Birkirkara
Sultana Lisa (Lisa Ann), Psycologist, Iż-Żejtun
Vassallo Melvin, Communications, Il-Qala
Vella Mark, Bank Employee, Ħal Qormi
Zahra David, Engineer, Ħal Qormi
Zammit Bondin Charlene, Manager, Iż-Żurrieq

Registry of the Superior Courts, Valletta, today, Tuesday, 12th March, 2024.

(Sgd) FRANKLIN CALLEJA
f/Registrar, Courts and Criminal Tribunals

599

DKR 95/2015 – KANĊELLAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-27 ta' Frar, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Nadine Sant Lia, LLD) insegwitu ta' sentenza mogħtija mill-istess Qorti fis-6 ta' Frar, 2024, u wara rikors ippreżentat minn Ian Falzon fit-22 ta' Frar, 2024, Kumpilazzjoni numru 21/2014, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Christian Abela)

Kontra

IAN FALZON, ta' 50 sena, bin John u Johanna xebba Platts, imwieled Ħ'Attard, Malta, fit-30 ta' Mejju, 1973, residenti fil-fond bin-numru 36, Triq l-Imrieħel, Birkirkara, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 279273M.

Il-Qorti ORDNAT IT-TĦASSIR tal-ordni tas-sekwestru tal-assi kollha tal-imsemmi Ian Falzon, liema ordni kienet ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Aaron M. Bugeja, LLD) fit-18 ta' Frar, 2015, u pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Marzu, 2015.

Din il-pubblikazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5(6) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum 8 ta' Marzu, 2024

Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

DKR 95/2015 – CANCELLATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 27th February, 2024, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Nadine Sant Lia, LLD) following judgement given by the same court on the 6th of February, 2024, and after an application filed by Ian Falzon on the 22nd February, 2024, Compilation number 21/2014, in the case in the names:

The Police
(Inspector Christian Abela)

Versus

IAN FALZON, 50 years, son of John and Johanna née Platts, born in Attard Malta on the 30th May, 1973, residing at number 36, Triq l-Imrieħel, Birkirkara, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 279273M.

The Court ORDERED THE CANCELLATION of the freezing order of all the assets of the said Ian Falzon, which order was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Aaron M. Bugeja, LLD) on the 18th February, 2015, and published in the Government Gazette of the 3rd March, 2015.

This order is being published according to section 5(6) of Cap. 373 of the Laws of Malta.

Today 8th March, 2024

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Tribunals

600

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Jannar, 2024, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 13 ta' Ġunju, 2024, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament internament immarkat bin-numru sitta (6) fl-oghla sular ta' blokka bin-numru sebgħa u għoxrin (27) bl-isem Solaria, Blokk A, fi Triq Ġulju ċ-Ċenturjun, f'Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, li huwa aċċessibbli minn komun li mhux mgħammar b'lift komuni iżda jikkonsisti biss minn taraġ, flimkien mas-sehem relattiv tal-partijiet komuni tal-

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 22nd January, 2024, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 13th June, 2024 at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment internally marked number six (6) at the top level in block numbered twenty seven (27) and named Solaria, Block A, in Triq Ġulju ċ-Ċenturjun, in Buġibba, limits of Saint Paul's Bay, that is accessible from a common area that is not equipped with a common lift but consists only of stairs, together with the relative share of the common parts of the block that

blokka li jinkludu l-ġnien ta' quddiem, l-entrata, l-entratura, it-taraġ, turġien, indana u sistema ta' drenaġġ. Inkluż mal-appartament hemm it-terz sehem indiviż tal-parti diviża tal-bejt, ċjoè dik in-nofs parti li qiegħda fuq il-lemin meta wieħed iħares lejn il-blokka mit-triq. Dan il-bejt jinsab direttament fuq l-appartament imsemmi. L-appartament huwa suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħamsa u għoxrin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€25.62), bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, inkluż ukoll l-obbligu prorata għal ħlas ta' manutenzjoni u riparazzjoni tal-bejt, ċnut, u appoġġi massidien tas-sehmijiet indiviżi tal-bejt, flimkien mal-obbligu ta' tisħib fl-Owners Association tal-istess blokk, biex din tieħu ħsieb il-manutenzjoni u riparazzjoni tal-partijiet komuni tal-blokka kif ukoll il-faċċata. Il-blokka hija konfinanti mil-Lbiċ mat-triq imsemmija, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Joseph Borg u Edwin Pullicino jew is-suċċessuri tagħhom, u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Joyce Pullicino u parzjalment ma' proprjetà ta' Paul Sciberras u dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Joseph Sciriha tat-tnejn u għoxrin ta' Novembru, tas-sena elfejn (22.11.2000) li permezz tieghu dan l-appartament kien ġie akkwistat flimkien ma' Marion Ciantar u wara kuntratt ta' separazzjoni, in-nofs sehem indiviż tal-istess Marion Ciantar ġie assenjat lil Gregory Ciantar permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil tal-ewwel ta' Lulju, tas-sena elfejn u disgħa (1.7.2009) u stmat li jiswa mitejn elf ewro (€200,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Ciantar Gregory (KI 284476M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 29/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 12 ta' Marzu, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

include the front garden, the entrance, the entrance hall, stairs, stairwell, landings and the drainage system. Included with the apartment is one third undivided share of the divided part of the roof, namely the half part situated on the right when one looks at the block from the street. This roof is situated directly on the said apartment. The apartment is subject to the annual and perpetual groundrent of twenty five euro and sixty two cent (€25.62), with all its rights and appurtenances, including also the pro-rate obligation for maintenance and repairs payment of the roof, dividing walls, and common walls with the owners of the undivided shares of the roof, together with the obligation to join the Owners Association of the same block, so that it takes care of the maintenance and repairs of the common parts of the block as well as the facade. The block is bounded on the South West with the said street, on the South East with property of Joseph Borg and Edwin Pullicino or their successors, and on the North West with property of Joyce Pullicino and partly by property of Paul Sciberras and this as described in the acts of Notary Joseph Sciriha dated twenty second of November, of the year two thousand (22.11.2000) by which this apartment was acquired together with Marion Ciantar and after a separation contract, the half undivided share of the same Marion Ciantar was assigned to Gregory Ciantar by means of a contract in the acts of Notary Rachel Busuttil dated first July, of the year two thousand and nine (01.07.2009) and is valued at two hundred thousand euro (€200,000).

The said tenement is the property of Ciantar Gregory (ID 284476M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 29/2023.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 12th March, 2024

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

601

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-sitta (6) ta' Marzu, 2024 (Digriet numru 29/2024BS, wara rikors numru 21/2024BS) ġiet ikkonfermata interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Doloresa Attard, armla ta' Anthony Attard, bint il-mejtin Francis Borg u Rose Borg née Scicluna, imwielda u residenti r-Rabat, Għawdex (karta tal-identità numru 8742G).

Mary Borg, xebba, bint Pius Borg u l-mejta Rita née Mercieca, imwielda Ħ'Attard, Malta, u residenti r-Rabat, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 568178M, ġiet bl-istess digriet, nominata kuratriċi tagħha.

It is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the sixth (6th) of March of the year 2024 (Decree number 29/2024BS following application number 21/2024(BS) Dolores Attard, widow of Anthony Attard, daughter of the late Francis Borg and Rose Borg née Scicluna, born and resides in Victoria, Gozo, holder of identity card number 8742G, has been confirmed interdicted from all acts of civil life.

Mary Borg, spinster, daughter of Pius Borg and the late Rita née Mercieca, born in Ħ'Attard, Malta, and resides in Victoria, Gozo, holder of identity card number 568178M, has been nominated as her curator, by virtue of the said decree.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 12 ta' Marzu, 2024

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 12th of March, 2024

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

602

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-7 ta' Marzu ,2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fis-7 ta' Marzu, 2024, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-assenti Bryan Scicluna u Brandon Scicluna, fl-atti tar-rikors ġuramentat ai termini tal-artiklu 495A tal-Kodiċi Ċivili, li jġib in-numru 14/2024 BS fl-ismijiet 'G.V. Gozo Developments Limited et vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Bryan Scicluna u Brandon Scicluna', ippreżentat fil-21 ta' Frar, 2024, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti, liema rikors jirrigwarda l-bejgħ tal-fond numru 62 u 63 fi Triq il-Ġnien, b'faċċata oħra fi Triq Benghazi, Għajnsielem, Għawdex.

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 7th of March, 2024, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below and this in terms of article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree given on the 7th of March, 2024, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the expatriates Bryan Scicluna and Brandon Scicluna in the acts of the sworn application in terms of article 495A of the Civil Code, bearing number 14/2024 BS in the names 'G.V. Gozo Developments Limited et vs Deputy Curators to represent the expatriates Bryan Scicluna and Brandon Scicluna', filed on the 21st of February, 2024, in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, and in all the other relative and subsequent acts, which application relates to the sale of the premises number 62 and 63 in Triq il-Ġnien, with another façade in Triq Benghazi, Għajnsielem, Gozo.

You are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to be appointed as curator to appear within six (6) days in this Registry and file a note declaring so.

You are also ordered to inform each and every one that if they do not make this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above with the testimony of the Magistrate Dr Brigitte Sultana, LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., a Magistrate of the aforementioned Court.

Illum 7 ta' Marzu. 2024

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

This 7th March. 2024

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

603

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-4 ta' Marzu, 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fit-4 ta' Marzu, 2024, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-persuni mhux magħrufa u ċjoè l-persuni intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens annwu u perpetwu indikat fl-istess ċedola, liema ċedola ġġib in-numru 55/2024 fl-ismijiet 'Josef Saliba vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw persuni mhux magħrufa u ċjoè l-persuni intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens annwu u perpetwu indikat fl-istess ċedola ppreżentata fid-29 ta' Frar, 2024, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huwa:

Il-fond numru wieħed u tletin (31) qabel indikat ukoll bin-numru ħmistax (15) fi Triq il-Vitorja, Il-Ħamrun, Malta, liema fond huwa suġġett għal ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€1.28c) ċens annwu u perpetwu, u liema ċens ir-rikorrenti jrid jifdi ai termini tal-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, u liema ammont kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal ħamsa u għoxrin ewro u sittin ċenteżmu (€25.60c), li qed jiġi depożitat flimkien mal-ammont ta' sitt ewro u erbgħin ċenteżmu (€6.40c) li huma arretrati ta' ħames snin ċens, biex kull min għandu jedd għalih jista' liberament jirtira wara li jħalli d-debita riċevuta.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 4th of March, 2024, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below in terms of article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree given on the 4th of March, 2024, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the unknown persons and namely the persons entitled to receive of the annual and perpetual ground rent of the immovable property described hereunder in the schedule of deposit and redemption of ground rent bearing number 55/2024 in names 'Josef Saliba vs Deputy Curator to represent the unknown persons, and namely the persons entitled to receive of the annual and perpetual ground rent of the immovable property described hereunder, which schedule of deposit was filed on the 29th of February, 2024, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

The immovable object of this schedule of deposit is:

The house bearing number thirty-one (31) previously also indicated with the number fifteen (15) in Triq il-Vitorja, Ħamrun, Malta, which premises is subject to one euro and twenty-eight cents (€1.28c) annual and perpetual ground rent, and which amount the applicant wishes to redeem in terms of article 1501 of the Civil Code, and which amount capitalized at the rate of 5% amounts to twenty-five euro and sixty cents (€25.60c), which is being deposited together with the amount of six euro and forty cents (€6.40c) being five years' ground rent arrears, so that anyone who has the right to it can freely withdraw it after tendering due receipt.

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to enter as a curator to appear within a period of

f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 4 ta' Marzu, 2024

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

six (6) days in this Registry and make a note declaring that they so accept.

You are also ordered to inform one and all that if they do not file this declaration within the time stated above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Dr Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., a Magistrate of the aforementioned Court.

Today 4th of March, 2024

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

604

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-14 ta' Frar, 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fit-14 ta' Frar, 2024, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lis-soċjetà intimata Betsolution4u Limited (C55943), bl-indirizz reġistrat Villa 3A, Triq il-Madliena, Is-Swieqi, Malta, u dan fl-atti tar-rikors li jġib in-numru 2/2023 BS fl-ismijiet 'Kummissarju tat-Taxxi versus Betsolution4u Limited', ippreżentat fl-4 ta' Jannar, 2023, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti, liema rikors jirrigwarda talba mill-awtorità kompetenti Taljana sabiex l-esponenti Kummissarju tat-Taxxi jirkupra taxxa li hija dovuta fl-Italja mis-soċjetà intimata, liema soċjetà topera f'Malta, u dan skont id-dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali numru 153/2012 (Liġi sussidjarja numru 460.08 intitolata Ordni dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li Għandhom x'Jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra).

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Magistrates' Court (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 14th of February, 2024, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below and this in terms of article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree issued on the 22nd of February, 2024, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the respondent company Betsolution4u Limited (C55943), with registered address at Villa 3A, Triq il-Madliena, is-Swieqi, Malta, and this in the acts of the application bearing reference number 2/2023 BS in names "Commissioner of Revenue versus Betsolution4u Limited", filed on the 4th of January, 2023, in the Court of Magistrates (Gozo), Jurisdiction Superior, General Section, and in all other relative and subsequent acts, which application relates to a request by the competent Italian authority to the applicant Commissioner for Revenue to recover tax that is due in Italy by the respondent company, which company operates in Malta, and this according to the provisions of Legal Notice number 153/2012 (Subsidiary Legislation number 460.08 entitled Mutual Assistance for the Recovery of Claims Related to Taxes, Duties and Other Measures Order).

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Brigitte Sultana, LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 22 ta' Frar, 2024

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

You are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to be appointed as curator to appear within six (6) days in this Registry and file a note declaring so.

You are also ordered to inform each and every one that if they do not make this declaration within the time stated above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section mentioned above with the testimony of the Magistrate Dr Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., a Magistrate of the aforementioned Court.

This 22nd of February, 2024

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

605

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fid-29 ta' Frar, 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fid-29 ta' Frar, 2024, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas taċ-ċens annwu u perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt u dan fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens bin-numru 45/2024 fl-ismijiet Lorenzo Attard et vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas taċ-ċens perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt, liema ċedola ġiet ippreżentata fis-19 ta' Frar, 2024, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree issued on the 29th February, 2024, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below in terms of article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree issued on the 29th of February, 2024, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the unknown person or persons entitled to the payment of the annual and perpetual ground rent of the property described below and this in the records of schedule of deposit and redemption of ground rent bearing number 45/2024 in names Lorenzo Attard et vs Deputy Curators to represent the unknown person or persons entitled to the payment of the perpetual ground rent of the property described below, which schedule of deposit was filed on the 19th of February, 2024, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huwa:

Il-lok ta' djar b'mandretta miegħu annessa tal-kejl ta' ċirka siegħ, ekwivalenti għal 187.4 metru kwadru f'Ħamet Road, illum Triq Tal-Qaċċa, bin-numru tmienja (8), illum bin-numru disgħa (9), Ix-Xagħra, Għawdex, liema proprjetà hija aħjar murija fuq site-plan annessa maċ-ċedola.

Din il-proprjetà hija suġġetta għall-ekwivalenti ta' tmienja u ħamsin ċenteżmu (€0.58c) ċens annwu u perpetwu, liema ammont l-esponenti ma jafux lil min jitħallas, filwaqt li hija suġġetta ukoll għall-ekwivalenti ta' għaxar ewro ċenteżmi (€0.10) ċens annwu u perpetwu favur il-Gvern ta' Malta.

Illi r-rikorrenti jridu jifdu dawn iż-żewġ ċnus ai termini tal-artiklu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk qed jiddepożitaw l-ammont ta' ħdax-il ewro u sittin ċenteżmu (€11.60c) flimkien ma' żewġ ewro (€2.00) rispettivament, li flimkien jirrappreżentaw ir-rata ta' ċens annwu kapitalizzata bil-5%, liema somma tista' tiġi żbankata mill-intimati wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Simone Grech BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 29 ta' Frar, 2024

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

The immovable object of this schedule of deposit is:

The premises with an attached garden measuring about one siegħ equivalent to 187.4 square metres in Ħamet Road, today Triq Tal-Qaċċa, marked with the number eight (8), today marked with the number nine (9), in Xagħra, Gozo, which property is better shown on the site-plan attached to the schedule of deposit.

This property is subject to the equivalent of fifty-eight cents (€0.58c) annual and perpetual ground rent, which amount the applicants do not know to whom it is paid, and also it is subject to the equivalent of ten euro cents (€0.10) annual and perpetual tax in favour of the Government of Malta.

Whereas the claimants wish to redeem these two ground rents and this in terms of article 1501 of the Civil Code, and they are therefore depositing the amount of eleven euro and sixty cents (€11.60c) together with two euro (€2.00) respectively, which amounts together represent the annual ground rent rate capitalized at 5%, which sum can be withdrawn by the respondents after due receipt is tendered according to law.

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to be nominated as a curator to appear within a period of six (6) days in this Registry and file a note declaring that he so wishes.

You are also ordered to inform each and every one that if they do not file this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Dr Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), a Magistrate of the aforementioned Court.

Today 29th of February, 2024

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

606

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Banns for Curators

Republic of Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-22 ta' Frar, 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fit-22 ta' Frar, 2024, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lis-sidien mhux magħrufa ta' ċens annwu u perpetwu fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens li ġġib in-numru 359/2023 fl-ismijiet 'Michael Muscat et vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa ta' ċens annwu u perpetwu imsemmi fl-istess ċedola', ppreżentata fil-5 ta' Ottubru, 2023, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huwa:

Porzjon raba' msejħa 'Tal-Fakkin' fil-limiti ta' Ta' Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka 645 metru kwadru tmiss mill-Punent ma' Triq Palazzo Palina, mil-Lvant ma' beni ta' Real Finanz Limited, min-Nofsinhar in parti ma' passaġġ, in parti ma' beni tal-istess Michael Muscat u in parti ma' beni ta' Karkanja Properties Limited, kif murija fuq site plan annessa maċ-ċedola. Ir-rikorrenti konjuġi Muscat huma propjetarji ta' tliet kwarti (3/4) indiviżi ta' dan il-porzjon raba', filwaqt li l-knisja parrokkjali ta' Ta' Sannat, Għawdex, hija propjetarja tal-kwart (1/4) rimanenti. Din il-biċċa raba' hija suġġetta għal ekwivalenti ta' tlieta u għoxrin ewro ċenteżmi (€0.23c)

Illi l-esponenti jrid jipprevalixxi ruħu mill-fakultà mogħtija lilhom mill-artikolu 1501 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili, u jifdi dan iċ-ċens, liema somma ta' €0.23c kapitalizzata bil-ħamsa fil-mija (5%) tammonta għal erba' ewro u sittin ċenteżmu (€4.60c), li qed tiġi depożitata a favur l-intimat bħala ħlas ta' fidi ta' dan iċ-ċens sabiex tkun tista' tiġi liberament żbankata mill-istess intimat wara li titħalla riċevuta skont il-liġi. B'żieda ma' dan l-esponenti qegħdin jiddepożitaw ukoll is-somma ta' ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€1.15c) bħala arretrati rappreżentanti l-ħlas taċ-ċens għall-aħħar ħames snin.

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun

To the Executive Officer of the Magistrates' Court (Gozo)

It is hereby notified that by a decree issued on the 22nd of February, 2024, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below and this in terms of article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree issued on the 22nd of February, 2024, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the unknown owners of the annual and perpetual ground rent in the acts of the schedule of deposit and contextual redemption of ground rent bearing number 359/2023 in names 'Michael Muscat et vs Deputy Curators to represent the unknown owners of an annual and perpetual ground rent mentioned in the same schedule of deposit', filed on the 5th of October, 2023, in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

The immovable object of this schedule of deposit is:

A tract of land called 'Tal-Fakkin' within the limits of Ta' Sannat, Gozo, measuring approximately 645 square meters bordered from the west by Triq Palazzo Palina, east by property of Real Finanz Limited, south in part with a passage, in part with the property of the said Michael Muscat and in part with the property of Karkanja Properties Limited, as shown on the site plan attached to the schedule of deposit. The applicants spouses Muscat are the owners of three quarters (3/4) undivided part of this land, while the parish church of Ta' Sannat, Gozo, is the owner of the remaining quarter (1/4). This land is subject to the equivalent of twenty-three euro cents (€0.23c)

Whereas the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by article 1501 et sequitur of the Civil Code, and redeem this ground rent, which sum of €0.23c capitalized at five percent (5%) amounts to four euro and sixty cents (€4.60c), which is being deposited in favour of the respondent as the redemption payment of this amount, which may be freely withdrawn by the same respondent save a receipt thereof is tendered according to law. Additionally, the applicants are also depositing the sum of one euro and fifteen cents (€1.15c) being arrears representing the payment of the ground rent for the past five years.

You are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and hereby summon anyone who wants to appear as curator to appear within six (6) days in this Registry and make a note declaring so.

You are also ordered to inform each and every one that if they do not file this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And

għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 22 ta' Frar, 2024

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above with the testimony of the Magistrate Dr Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), a Magistrate of the aforementioned Court.

This 22nd of February, 2024

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

607

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' Frar, 2024, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 196/2024/1AB, li ġie ppreżentat fit-2 ta' Frar, 2024, fl-ismijiet: Borg Andre Dott. noe vs Desira Anthony et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna l-ħruġ ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-21 ta' Marzu, 2024, fil-12.15 p.m.

Notifika Intimati: Desira Anthony u Desira Elena Alexandrovna, 7, Spring Valley Court A, Flat 2, Triq ix-Xnejn Abjad, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Marzu, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 29th February, 2024, in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction number 196/2024/1AB, which was filed on the 2nd February, 2024, in the names: Borg Andre Dr noe vs Desira Anthony et, the following publication was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order the issuing of the Warrant of Prohibitory Injunction against the respondents.

The Warrant of Prohibitory Injunction in the names mentioned above is postponed to 21st March, 2024, at 12.15 p.m.

Notify Respondents: Desira Anthony and Desira Elena Alexandrovna, 7, Spring Valley Court A, Flat 2, Triq ix-Xnejn Abjad, Marsaskala

Registry of the Superior Courts, today 11th March, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

608

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-22 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 386/2023MS, li ġie ppreżentat fil-25 ta' Lulju, 2023, fl-ismijiet: Borg Darren noe et vs l-Awtorità tad-Djar et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimati jħallsu l-istess kumpens u danni likwidati ai termini

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction, on the 22nd February, 2024, in the records of Constitutional Application number 386/2023MS, which was filed on the 25th July, 2023, in the names: Borg Darren noe et vs the Housing Authority et, the following publication was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondents. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondents to pay the same

tal-liġi. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-intimati li huma nġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit ghat-22 ta' Marzu, 2024, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Abela Philip, 8, Triq Binġemma, L-Imġarr

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Marzu, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

compensation and liquidated damages in terms of law. With costs and legal interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Constitutional Application in the names mentioned above is postponed to 22nd March, 2024, at 9.00 a.m.

Notify Respondent: Abela Philip, 8, Triq Binġemma, Mġarr

Registry of the Superior Courts, today 11th March, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

609

ARB/C020/2024 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-3 ta' Frar, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Lara Lanfranco, LLD). Kumpilazzjoni Numru 104/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Alfredo Mangion)

Kontra

AHMED ELBADR, student, ta' 22 sena, iben Mhammed Elbadr u Soumia, imwieled il-Marokk fl-14 ta' Settembru, 2001, u residenti fi 11, 'Everlasting', Flat 1, Triq Pietru Xuereb, Tal-Pietà, u detentur ta' dokument ta' identifikazzjoni Malti skadut bin-numru 104698A u dokument ta' identifikazzjoni Malti bin-numru 758518L.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' AHMED ELBADR u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn se jipperċepixxi dawn il-flejjes.

ARB/C020/2024 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 3rd February, 2024, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Lara Lanfranco, LLD). Compilation Number 104/2024, in the case:

The Police
(Inspector Alfredo Mangion)

Versus

AHMED ELBADR, student, 22 years, son of Mhammed Elbadr and Soumia, born in Morocco on the 14th September, 2001, and residing at 11, 'Everlasting', Flat 1, Triq Pietru Xuereb, Tal-Pietà, and holder of expired Maltese identification document bearing number 104698A and Maltese identification document bearing number 758518L.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to AHMED ELBADR and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

